# MRO. ADEODATO GATT

## (1898 – 1966)

*Riċerka tal-Arkivista l-Kav. John Gafà*

Alla l-imbierek għoġbu jagħżel lir-raħal tagħna ta' Ħaż-Żebbuġ biex fih inissel persuni li jagħmlu ġieħ lilu, lil arthom kif ukoll lil raħal twelidhom. Għadd ta' Żebbuġin onoraw lil art twelidhom f'diversi oqsma tal-arti u x-xjenza u proprju fil-qasam tal-mużika ħadd żgur minn ulied Ħaż-Żebbuġ ma ta sehmu iżjed minn Mro Adeodato Gatt, jew kif kien magħruf ma' Malta kollha s-Surmast Datu ta' Ħaż-Żebbuġ.

Mro Adeodato Gatt twieled nhar is-26 ta' Ġunju 1898, fi Triq Mamo ġewwa Ħaż-Żebbuġ, bin Andrea Gatt u Pawlina mwielda Azzopardi. Huwa tgħammed fil-knisja arċipretali minn Dun Luqa Attard. Adeodato kien l-iżgħar fost ħutu. Ix-xogħol tiegħu kien ta' skrivan fiċ-ċivil. Matul il-gwerra kien protection officer ta' Ħaż-Żebbuġ u wara serva wkoll fid-Dipartimenti tal-Ilma u tax-Xogħlijiet Pubbliċi fil-Belt Valletta, sakemm irtira mix-xogħol. Insibu li fis-6 ta' Frar 1923, il-Każin Banda San Filep kien minn tal-ewwel li fetaħ banka tal-lottu fuq inizjattiva li l-gvern kien għamel biex dawn l-assoċjazzjonijiet jiġu megħjuna finanzjarjament. L-ewwel li beda jaħdem fil-banka kien Adeodato Gatt u dam sentejn imexxi din il-banka. Warajh kompla Pinu Mifsud li jiġi missier is-Sur Tarcisio Mifsud, is-Segretarju preżenti tal-Għaqda Każin Banda San Filep. Dan dam imexxi l-banka tal-lottu mill-1930 sal-1955, jiġifieri ħamsa u għoxrin sena sħaħ.

Adeodato beda l-istudju mużikali f'età wisq tenera taħt id-direzzjoni ta' ħuh Mikiel u wara kompla mal-Banda San Filep taħt is-Surmastrijiet Angelo Melilli u l-Kav. Alfred Porkiman Hare. Kien idoqq il-klarinett mal-Banda San Filep u maż-żewġ baned tal-Belt Valletta, jiġifieri ma' La Vallette u wara mal-King's Own. Hawnhekk insibu s-Surmast Aurelio Doncich li qal lil Datu biex jibda jdoqq is-sassafon sopran. L-akbar studju tiegħu Adeodato għamlu waħdu fuq il-mijiet ta' kotba mużikali li kellu fil-librerija privata tiegħu. Huwa studja b'ħerqa kbira l-orkestrazzjoni fuq it-teoriji ta' Hector Berlioz, Charles-Marie Vidor, Ebenezer Prout u Gordon Jocobs. Wara kompla jistudja l-istrumentazzjoni għall-banda fuq Raffaele Galli, Wilhelm Friedrich Wieprecht, Alessandro Vessella, Boyd Adkins, August Eberhard Muller u Paul Hindemith. Studja l-armonija u l-kontrapunt taħt il-magħruf kontrapontista s-Surmast Ġuzeppi Abdilla. Id-direzzjoni studjaha fuq it-teoriji ta' diversi diretturi mużikali famużi.

Fis-6 ta' Novembru 1921, Maestro Adeodato Gatt inħatar surmast direttur tal-Banda San Filep. Huwa kellu bosta tifħir tul il-karriera mużikali tiegħu. Fil-ħarġa tal-gazzetta t-Times of Malta - Il-Progress tad-9 ta' Jannar 1925, is-Surmast Giuseppe Abdilla kiteb hekk, "L-ebda student li tgħallem taħt idejja ma kellu ġenju hekk kbir bħal tal-bravu Datu Gatt." Darba oħra fl-1926, l-istess Giuseppe Abdilla daqq bħala vjolinista taħt id-direzzjoni tas-Surmast Gatt u qallu pubblikament, "Int wieħed mill-aqwa diretturi li s'issa daqqejt taħthom." Mro Aurelio Doncich ukoll ikkummenta fuq dan il-bravu Żebbuġi u qal hekk, "Direttur enerġiku, sod u ċar fid-direzzjoni. Dan il-ġuvni preżentament hu wieħed mill-aqwa diretturi Maltin." Maestro Cardenio Botti ra lil Adeodato jidderieġi l-Banda Vilhena tal-Furjana fl-Isla u qal, "Direttur tajjeb ferm u wisq iktar kuraġġuż." Is-Surmastrijiet Carlo Diacono u Carmelo Pace faħħru wkoll ħafna d-direzzjoni u l-kuraġġ tiegħu.

Fis-sena 1932, għal xi żmien Gatt kien surmast direttur tal-Banda King's Own, kif ukoll kien mistieden biex imexxi l-Banda La Vallette bħala guest conductor. Hekk ukoll għamlu l-baned Stella Maris ta' Tas-Sliema, San Ġorġ ta' Bormla u Konti Ruġġieru tar-Rabat, Malta. Fis-6 ta' April 1957, is-Surmast Adeodato ntagħżel biex jidderieġi l-Banda Nazzjonali ta' Malta fir-Radio City Operahouse. Dan il-programm, fost mużika oħra, kien jinkludi żewġ xogħlijiet tiegħu – il-'preghiera' AveMaria (1947) u l-'elegia' In Sepulcrum (1946).



*Mro Adeodato Gatt*



**ĊERTIFIKAT TAT-TWELID**
*Birth Certificate*

Meħud mir-Reġistri tal-Magħmudija tal-
*Extract from the Baptismal records of*

Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta.
Zebbug, Malta, Parish Church.

Isem it-tarbija / *Child's name*: Adeodato P. Paul

Isem u kunjom il-Missier / *Father's name and surname*: Andrea Gatt

Isem l-Omm u kunjom xbubitha / *Mother's name and maiden surname*: Paula Azzopardi

Post u Data tat-Twelid / *Place and date of Birth*: 26 ta' June 1898 - Żebbuġ

Niddikjara li dan iċ-ċertifikat huwa korrett
*I certify that the above is correct*

Illum / *This day*: 4 ta' Novembru 1985

for Arċipriet / Archpriest
Rev. Alfred Agius

*Iċ-ċertifikat tat-twelid ta' Adeodato*








*Il-pjanu, il-bakketta u l-klarinett tas-Surmast Adeodato Gatt li qegħdin iżejnu s-sala tal-Arkivju tal-Każin Banda San Filep*

Il-mistiedna preżenti tawh tifħir kbir u fil-ġranet ta' wara l-gazzetti lokali faħħru mhux biss id-direzzjoni soda, iżda wkoll il-kompożizzjonijiet tiegħu. Dan kien wieħed mill-akbar unuri li rċieva dan il-bravu Surmast.

Is-Surmast Adeodato Gatt għandu bosta kompożizzjonijiet li bin-noti mużikali tagħhom huwa mżejjen l-arkivju tal-Każin Banda San Filep. L-ewwel kompożizzjoni tiegħu kienet il-'marcia sinfonica' Giovane Rohan li kiteb fl-1921. Kompożizzjonijiet oħra tas-Surmast Gatt jinkludu l-Innu tal-Banda San Filep li kkomponih f'Diċembru tal-1928 b'lirika tal-Professur Philip Farrugia, il-marċi sinfoniċi Omaggio alla Banda di San Filippo (1935), Xi Hialek u XVIII Centinario, is-sinfonija Impressione 1565 (1929), l-'overture' Xerri u Karwana (1945), il-'preghiera' Ave Maria (1947), il-'ballet' Reverie d'Amour (1925), is-'sogno' Addio Amore (1923), il-'marcia elegia' In Sepulcrum (1946), il-marċ trijonfali Sword of Honour li dan kien indaqq meta ġiet mogħtija x-xabla lil Lord Gort (1944), il-marċ patrijottiku Free Malta (1922), kif ukoll diversi 'inno marcia' li jinkludu Ir-Rebbieħ ta' Aġġira (1947), Joyful Day – Jum ta' Ferħ (1949), F'Misraħ San Filep (1954), Lil Belt Twelidi – Città Rohan (1965), Liż-Żebbuġin (1966), Lir-Reġiment tal-Voluntiera (1940), Boy Scouts – 1st Żebbuġ Group (1933), Demgħa! Innu lill-Papa Piju XI, Inno Mendelssohn, Innu Lil San Filippo, Innu lill-Prim Ministru (1/5/1955) u l-Inno tal-Partit Laburista. Is-Surmast Gatt ikkompona wkoll sitt marċi funebri, Addio Per Sempre (1932), Tombs De Larmes (1930) u La Danse Du Cadavre u tlieta oħra mingħajr isem, erba' valzi Entente Cordial, Carnival, 1952, Saħara (Fox Trot) u Valse Lente, fantasia (1937), fanfarra u silta mużikali oħra bl-isem Five Minutes More u ħames kompożizzjonijiet oħra mingħajr isem.

Lista ta' marċi brijużi ta' dan is-surmast tinkludi Ajax (1957), All Alone (1927), Alma Espanola (1927), Altra, Andrè, Arabian Night (1958), Arcades Ambo, As You Like It (1927), Berlin (1927), El Matador, Floriana (1927), Hold Fast And We Win, Honey Moon, Homaġe (1948), Ir-Rebbieħa, Megalomania, Melitensis, Modernisim, Notte Stella (1934), Oh!, Listen To The Band (1951), Omaggio A Dun Karm, Omaggio lil San Filep jew Żebbuġ Rangers (1935), Paul, Peter, Radusa, Remebrance Of War(Victory), Savoja For Ever (1935), Sebeide, Semper Virens (1947), Silver Monument, Silver Mountain, The Blue Star, The Great 'Little Football Team', The Mighty Lion, Tigers (1927), Tislima, Uhuru (li tfisser Ħelsien – 1957), Victory Bells (1925), 55 + 55 (Mikiel) u wieħed u erbgħin marċ ieħor mingħajr isem.

Bħala arranġatur tal-mużika għall-banda, Adeodato kien wieħed mill-aħjar u dan jixduh in-numru kbir ta' arranġamenti li ħalla warajh li fosthom insibu dawn:

- ◊ It-traskrizzjonijiet tal-korijiet mill-opri bħal Festival di Cori dell'Opera;
- ◊ Il-Gran Marcia mill-Aida ta' Giuseppe Verdi (1948);
- ◊ Il-Coro nell'Atto 2do mill-Otello ta' Giuseppe Verdi (1949);
- ◊ Il-Coro Di Zingarelle Mattodoi minn La Traviata ta' Giuseppe Verdi (1950);
- ◊ Il-Preghiera u l-Coro d'Introduzione mill-Cavalleria Rusticana ta' Pietro Mascagni (1948 u 1949);
- ◊ Il-Coro delle Campane minn I Pagliacci ta' Ruggiero Leoncavallo (1948);
- ◊ Il-Coro dei Soldati mill-Faust ta' Charles Gounod (1949);
- ◊ Il-Coro d'Introduzione minn La Gioconda ta' Amilcare Ponchielli (1950);
- ◊ Il-Marcia dei Toreri mill-Carmen ta' George Bizet (1950);
- ◊ L-Overture Prometheus ta' Ludwig van Beethoven (14/10/1932);
- ◊ Il-Coro, Non Parti, Atto IV u l-Fantasia – Sunto Atto Primo min-Norma ta' Vincenzo Bellini (1930);

*Partitura tas-Sinfonia Dramatica*



- Il-Marcia Ungerese u selezzjoni minn Dannazione di Faust ta' Hector Berlioz (5/10/1929);
- Coro Di Morelli; Eccoli' Vien Gia La Guardia u Marcia Con Coro Eccoli Eccoli mill-Carmen ta' George Bizet;
- Il-Marcia Funebre – Desolation ta' Giuseppe Bonnici (1949);
- L-Overture - Severio Torelli ta' Ugo Bottacchiari (18/1/1928);
- L-Inno Popolare A San Pubblio ta' Vincenzo Bugeja (22/2/1934);
- L-Inno A San Filippo D'Agira ta' Giuseppe Caruana u versi ta' Dun Karm Psaila (Maggio 1920);
- Il-Fantasia minn Adriana Lecouvreur ta' Francesco Cilèa (1930);
- L-Inno Del Torino Football – Va Calciatori ta' Mario Consiglio (1928);
- L-Overture – Clio ta' Carlo Diacono (1932);
- L-Elegia – Una Prece ta' Aurelio Doncich (14/4/1952);
- Il-Fantasia minn La Favorita ta' Gaetano Donizetti (4/2/1931);
- Il-Coro Per Te l'Ineuso Gubleo, Atto 1 minn Lucia Di Lammermoor ta' Gaetano Donizetti (12/1/1963);
- Il-Preghiera – May Peace and Love Be Near His Throne ta' Thomas Dunhill (28/4/1937);
- Il-Marcia Sinfonica – Il Reduce ta' De Anna Durbin;
- Ir-Rapsodia – Slava № 2 ta' Carl Friedemann (1934);
- Il-Fantasia mill-Il Voto (Eks. Mala Vita) ta' Umberto Giordano (24/11/1938);
- L-Inno Pontificio (L-Innu tal-Papa) ta' Charles Gounod;
- L-Ode for St. Cecilia's Day minn Saul Oratorio ta' George Fredrick Händel (14/1/1930);
- L-Overture – Zampa ta' Ferdinand Hérold;

Partitura tal-Danza Esotica




- Il-Coro Suona Vesper minn I Paglicci, Atto Primo ta' Ruggero Leoncavallo;
- Il-Marcia Trionfale – Cleopatra ta' Luigi Mancinelli (Ottubru1932);
- Il-Preludio minn Ruy Blas ta' Filippo Marchetti;
- Il-Preghiera – Regina Coeli mill-Cavalleria Rusticana ta' Pietro Mascagni;
- Id-Danza – Esotica ta' Pietro Mascagni (10/9/1928);
- L-Inno A San Filippo D'Agira – Per Soprano, Tenore, Baritono e Coro ta' Angelo Melilli (21/4/1961);
- L-Inno A San Leonardo ta' Angelo Melilli (Mhux Komplut);
- Il-Marcia Nuziale minn Sogno Di Una Notte D'Estate ta' Felix Mendelssohn (1930);
- Is-Sinfonija – Orphée Aux Enfers ta' Jacques Offenbach (1932);
- Il-Fantasia minn La Gioconda ta' Amilcare Ponchielli (1937);
- Is-selezzjoni minn La Gioconda ta' Amilcare Ponchielli;
- Il-Fantasia minn La Boheme ta' Giacomo Puccini;
- Il-Fantasia mit-Tosca ta' Giacomo Puccini (6/5/1955);
- Il-Marcia Funebre mit-Turandot – Atto Primo ta' Giacomo Puccini (1953);
- Ir-Rapsodia – Spagñola ta' Simone Salvetti;
- Is-Sinfonia Drammatica minn Incompleta, Primo Tempo ta' Franz Peter Schubert (1/5/1926);
- L-Overture Solennelle – 1812 ta' Pyotr Il'yich Tchaikovsky;
- Il-Coro, Gloria all Egitto, Atto Secondo mill-Aida ta' Giuseppe Verdi;

Partiura tat-Tosca






*Librerija tal-mużika msemmija għal Mro Adeodato Gatt*

- Il-Marcia Trionfale mill-Aida ta' Giuseppe Verdi (20/2/1944);
- Is-selezzjoni mill-Aida ta' Giuseppe Verdi;
- Is-Sinto di Prima Atto mill-Aida ta' Giuseppe Verdi;
- Il-Coro dei Zingari, Vedi le Fosche Notturne, Atto 2 minn Il Trovatore ta' Giuseppe Verdi (13/1/1963);
- Il-Preludio, Atto Primo minn La Traviata ta' Giuseppe Verdi;
- L-Overture – Nabucco ta' Giuseppe Verdi (1937);
- Il-Marcia & Coro, Atto Terzo mill-Lohengrin ta' Richard Wagner;
- Il-Preludio (Impressioni), Atto Terzo mill-Lohengrin ta' Richard Wagner (1930);
- Il-Marcia Gralsritter mill-Parsifal ta' Richard Wagner (31/5/1939);
- Żewġ traskrizzjonijiet mingħajr isem (18/9/1930).
- Is-Surmast Adeodato Gatt ikkompona 28 biċċa xogħol klassiku, 58 arranġamenti ta' mużika klassika, 86 marċi brijużi, 6 marċi funebri u 4 valżi. Ix-xogħol kollu ta' dan il-bravu mużikant Surmast Gatt jammonta għal mija u tnejn u tmenin (182). Interessanti wkoll li meta Adeodato kien jispiċċa jikkomponi jew jirranġa xi silta mużikali, kien jiffirmaha u jirringrazzja lil Alla billi jikteb Deo Gratias.

Matul iż-żmien li s-Surmast Adeodato Gatt dam jidderieġi l-Banda San Filep, seħħew bosta avvenimenti:

**04.04.1924** Is-Surmast idderieġa għall-ewwwl darba l-Innu Popolari lil San Filippu ta' Aġġira, mużika ta' Mro Ġużeppi Caruana u versi ta' Dun Karm Psaila. Wara ġew irregalati l-partituri tal-mużika mill-kompożitur innifsu lill-Każin Banda San Filep.

**09.05.1924** Il-Banda San Filep għamlet programm għall-festi ċentinarji tar-Relikwija ta' San Filep fuq il-palk 'Skorfina'.

**30.11.1924** Il-Banda San Filep taħt id-direzzjoni ta' Mro Adeodato Gatt esegwiet programm mużikali kbir fil-pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ u ġiet imfaħħra ħafna. Tifħir speċjali mar għal żewġ bandisti li kienu solisti waqt il-programm – il-klarinettist Anthony Aquilina (magħruf bħala l-Maġġur) u l-kurunettist Mikiel Gatt (li jigi ħu Adeodato u għamel żmien surmast tal-istess banda). Referenzi mill-gazzetti – Malta Tagħna (13.12.1924), The Malta Times u Il-Progress (2.1.1925)

**24.12.1924** Il-Banda San Filep kienet l-ewwel banda Żebbuġija li ħadet sehem fil-purċissjoni tal-Milied mas-soċji tal-M.U.S.E.U.M.

**10, 11, 16, 19.05.1925** Biex tfakkar l-ewwel anniversarju tal-ftuħ tal-każin il-ġdid, il-Banda San Filep esegwiet erba' programmi mużikali f'Ħaż-Żebbuġ.

**1928** Is-Surmast tal-Banda San Filep Adeodato Gatt ikkompona l-mużika tal-Innu tal-Banda. Il-versi huma tal-Professur Philip Farrugia. Bil-ħila tas-sewwa, Bis-saħħa tal-ġieħ;

**27.01.1929** Il-Każin ġie kkonsagrat lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù minn Mons. Carmelo Psaila.

**11.05.1931** Tkanta għall-ewwel darba l-Innu tal-Banda San Filep.

**24.05.1931** Il-Banda San Filep ħadet sehem fil-korteo tal-Kungress li sar f'Ħaż-Żebbuġ minn Bieb De Rohan sa Misraħ San Filep.

**09.05.1933** Twaqqaf Scouts Group f'Ħaż-Żebbuġ. Is-surmast direttur tal-Banda San Filep Mro Adeodato Gatt ikkompona l-innu marċ Boy Scouts, 1st Żebbuġ Group għal dan il-għan.

**04.05.1935** Il-Banda ċċelebrat bil-kbir il-Ġublew tal-Fidda tal-Maesta Tiegħu r-Re Ġorġ V. Il-Banda għamlet marċ u programm vokali u strumentali fil-Belt Valletta.

**11.05.1935** Il-Banda San Filep esegwiet programm vokali u strumentali bis-sehem tal-kor tat-tfal tal-iskola primarja ta' Ħaż-Żebbuġ. Dakinhar indaqq għall-ewwwl darba l-Omaggio alla Banda San Filippo, fejn mal-ewwel battuti l-pjazza splodiet bil-briju, ħruq ta' musketterija, sfafar u logħob tan-nar.

**17.09.1937** Il-Każin Banda San Filep fakkar il-mitejn sena mit-twelid tal-eroj Malti Dun Mikiel Xerri. Il-Banda San Filep esegwiet programm vokali u strumentali fejn indaqq l-innu popolari Lil Dun Mikiel Xerri b'mużika tas-Surmast Carlo Diacono u versi tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila. It-traskrizzjoni għall-banda kienet tas-Surmast Adeodato Gatt.

**28.01.1940** Inxtara l-bini tas-sede preżenti tal-Każin Banda San Filep, jiġifieri Numru 12, f'Misraħ San Filep. Sar programm mużikali u ndaqq ukoll l-Innu tal-Banda akkumpanjat mill-kor tat-tfal.

**15.09.1940** Il-Banda San Filep tellgħet programm mużikali fil-pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Adeodato Gatt għall-okkażjoni tal-festa tad-Duluri.

**12.03.1944** Il-Każin Banda San Filep, f'isem il-ħamsa u sittin każin tal-banda ieħor ta' Malta u Għawdex, ippreżenta x-xabla tal-fidda tal-unur lill-Gvernatur ta' Malta Lord John Gort. Sar programm mużikali apposta, fejn il-Banda San Filep daqqet il-marċ trijonfali mill-opra Aida ta' Giuseppe Verdi u l-marċ Sword of Honour mużika tas-Surmast Adeodato Gatt u versi tal-Prof. Filippo Farrugia.

**11.05.1945** Il-Banda esegwiet programm mużikali f'Misraħ San Filep u ndaqqet għall-ewwel darba l-'choral overture' Xerri u Karwana.

**12.05.1947** Indaqq għall-ewwel darba l-marċ Ir-Rebbieħ ta' Aġġira magħruf bħala 7A, kompożizzjoni tas-Surmast tal-Banda San Filep Mro Adeodato Gatt.

**15.05.1947** Il-Banda esegwiet programm vokali u strumentali mill-aqwa, akkumpanjat minn kor ta' mija u għoxrin tifel u tifla tal-Iskola tal-Gvern. Dan il-programm ixxandar dirett fuq ir-*Rediffusion*, u l-Banda San Filep kienet l-ewwel Banda li daqqet fuq il-mezzi tax-xandir.

**05.06.1948** Wara l-kuntatti li saru ma Mro Adeodato Gatt mill-Kumitat tas-Società Filarmonica La Vittoria tal-Mellieħa, fl-ewwel Sibt ta' Ġunju is-Surmast Gatt għamel l-ewwel kunċert tiegħu mal-Banda.

**24.04.1949** Meta s-Surmast Adeodato Gatt kien ra l-potenzjal li kellu f'idu bil-Baned San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ u La Vittoria tal-Mellieħa tella' 3 Programmi Mużikali biż-żewġ Baned bħala *Massed Band,* fil-Pjazza tal-Parroċċa fil-Mellieħa, fil-Pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ u fil-ġonna ta' Sant' Anton Ħ'Attard.

**31.07.1949** Il-Banda La Vittoria tal-Mellieħa taħt id-Direzzjoni tas-Surmast Adeodato Gatt tellgħat Programm Mużikali ġewwa l-ġonna ta' Villa Bellini f'Katanja fuq stedina tal-Comune. Dakinhar flimkien mal-Banda is-Surmast Gatt kien tellgħa miegħu diversi Bandisti mill-Banda San Filep. Is-serata kienet intlaqet b'entużjażmu kbir mill-komunità tal-Belt, mis-Sindku u l-Comune fejn il-Banda La Vittoria kienet irregalata Bandalora bl-ilwien u l-istemma tal-Belt ta' Katanja.

**04.05.1954** Il-Banda San Filep tat tislima lir-Reġina Elizabetta II u d-Duka ta' Edinburgh meta daqqet l-Innu Nazzjonali *God Save The Queen* waqt li kienu għaddejjin minn Triq l-Imdina, kantuniera ma' Triq l-Isqof Caruana f'Ħaż-Żebbuġ.

**13.11.1955** Il-Banda San Filep esegwiet programm mużikali. Wara ġie nawgurat il-bini l-ġdid tal-Każin mill-Prim Ministru ta' Malta l-Perit Dom Mintoff u mbierek mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi.

**15.05.1960** Iċċelebrata l-festa ta' San Filep minn Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi li wara żar il-Każin Banda San Filep. Sar ukoll programm mużikali mill-Banda u kien ippreżentat stendard ġdid lill-Każin San Filep. Din is-serata kienet imxandra fuq il-mezzi tax-xandir, ir-*Rediffusion*.

**11.05.1961** Imfakkar il-mija u għaxar anniversarju mit-twaqqif tal-Banda San Filiep. Sar programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Adeodato Gatt fil-preżenza tal-Gvernatur Sir Guy Grantham u tal-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi.

Is-Surmast Gatt dam jidderieġi l-Banda San Filep sas-sena 1962 jiġifieri għal wieħed u erbgħin sena sħaħ. Dan is-Surmast kien ukoll direttur mużikali tal-Banda Vilhena tal-Furjana (1925 – 1929), Queen Victoria taż-Żurrieq (1928 – 1937), La Vittoria tal-Mellieħa (1948 – 1952), San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar (1949 – 1964) u l-Banda tal-Partit Laburista (1955 – 1961). Fl-ewwel ta' Mejju 1961, is-Surmast Adeodato Gatt mexxa l-aħħar banda msemmija fl-Empire Stadium fil-Gżira, fost attendenza kbira. Gatt kien jidderieġi wkoll l-Orkestra Felix Bartholdy Mendelssohn ta' Ħaż-Żebbuġ.

Ħaġa oħra ta' min isemmi hi li meta Mro Adeodato kien jidderieġi l-Banda, f'daqqa waħda kien idur għal fuq in-nies preżenti li jkunu qed jarawh u jġiegħel lill-poplu jakkumpanja billi jkanta l-versi immortali. Ta' min jgħid li




*Bust f'ġieħ Mro Adeodato Gatt*



*Id-dar № 64, Triq L-Isqof Caruana, fejn kien joqgħod is-Surmast Gatt*

*John Gatt, iben is-Surmast Adeodato Gatt*



*Josephine Ivy Gatt, bint is-Surmast Adeodato Gatt*






*L-isem tat-triq imsemmija għas-Surmast Gatt*



*Il-funeral tas-Surmast Adeodato Gatt, nhar l-24 ta' Mejju 1966*

Adeodato kien dilettant ħafna tal-poeżija u bosta mix-xogħlijiet mużikali tiegħu nsibuhom akkumpanjati bil-lirika tiegħu stess. Żebbuġin li jiftakru lil Adeodato Gatt jgħidulek li dakinhar tal-festa ta' San Filep kienet tiġi ddoqq il-Banda King's Own. X'ħin tkun għaddejja l-istatwa tal-qaddis patrun minn quddiem il-każin sakemm tasal sal-knisja, kien jinżel is-Surmast Giuseppe Casapinta minn fuq il-planċier u jitla' Adeodato jidderieġi l-banda hu.

Fil-31 ta' Ottubru 1926, Adeodato żżewweġ lis-Sinjorina Camilla Xerri fil-Furjana u kellhom ħamest itfal – Philp, Pauline, Violet, Ivy u Johnny. Il-Mulej sejjaħ lil Adeodato nhar it-23 ta' Mejju 1966, fl-għomor ta' tmienja u sittin sena, ikkonfortat bis-Sagramenti Mqaddsa u mdawwar bil-familja tiegħu fid-dar № 64, Triq l-Isqof Caruana, Ħaż-Żebbuġ. Huwa miet eżatt tmint ijiem wara l-festa tal-Patrun tagħna San Filep. L-għada tal-mewt sar il-funeral tiegħu u l-Banda San Filep taħt it-tmexxija tas-Surmast Anton Muscat Azzopardi, flimkien mal-poplu Żebbuġi, bi ħġarhom tawh l-aħħar tislima billi akkumpanjawh bil-marċi funebri saċ-ċimiterju. Fil-funeral tiegħu ħadu sehem għadd kbir ta' baned minn kull rokna ta' Malta u għaqdiet oħra billi rrappreżentaw l-istendard tagħhom. Ta min jinnota wkoll li waqt il-funeral il-bakketta li kien jidderieġi biha, nżammet minn Philip Debono (Il-Paradies).

*Il-qabar tal-familja Gatt*



Ta' min isemmi li fil-Knisja kien għad hemm l-istatwa ta' San Filep barra min-niċċa, donnu kien qiegħed jistennih biex ibierku hu wkoll ta' kemm ħabbu matul ħajtu kollha u tah it-tifħir li xtaq. Ħafna miż-Żebbuġin jgħidulek li l-funeral tas-Surmast Adeodato Gatt kien wieħed mill akbar funerali li saru f'Belt Rohan. Dan kien xhieda tal-popolarità li kien igawdi ma' Malta kollha u tal-imħabba li kellhom lejh ħutu ż-Żebbuġin. Is-Surmast Gatt jinsab jistrieħ fil-qabar tal-familja, kompartament E, № 12 fiċ-ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesù f'Ħaż-Żebbuġ. Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ u l-Gvern Malti taw ġieħ lil dan il-bravu surmast u kompożitur ħabrieki għax semmew triq għalih f'Ħaż-Żebbuġ. Din tinsab biswit it-Triq l-Isqof Franġesku Saverju Caruana, fejn kien jgħix.

Fil-5 ta' Ġunju 1991, is-Soċjetà Każin Banda San Filep fakkret lil Mro Adeodato Gatt f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena minn mewtu. Kien inawgurat bust ta' Mro Adeodato Gatt, xogħol is-Sur Alfred Magri, u sar programm mużikali taħt id-direzzjoni tas-Surmast Michael Ciantar. Kien hemm ukoll rappreżentanti mill-kumitati tal-Għaqdiet Mużikali Queen Victoria taż-Żurrieq, Vilhena tal-Furjana, La Vittoria tal-Mellieħa u San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar. Dan għaliex is-Surmast Adeodato kien ukoll jidderieġi dawn il-baned. Fil-15 ta' Frar 1992, sar rekording ta' marċi brijużi u kompożizzjonijiet tas-Surmast Adeodato Gatt fuq cassette taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Ciantar. Fil-15 ta' Marzu 2002, Josephine Ivy Gatt, bint is-Surmast Adeodato Gatt u Eks-President Onorarju ta' din l-Għaqda, irregalat il-manuskritti mużikali kollha ta' missierha lill istess Soċjetà. Ivy kienet benefattriċi kbira tas-Soċjetà. Fl-24 ta' Settembru 2010, John iben l-imsemmi kompożitur Adeodato, irregala l-pjanu li kienu jużaw is-Surmastrijiet Adeodato u ibnu Philip Gatt lill-Għaqda Każin Banda San Filep. Dan il-pjanu kien immanifatturat fl-1887.

L-Għaqda Każin Banda San Filep għandha tassew għaliex tkun kburija li s-Surmast Adeodato Gatt kien wild din is-Soċjetà u dam jidderieġi l-imsemmija banda għal wieħed u erbgħin sena. Dan is-surmast bravu jibqa' mfakkar għall-kompożizzjonijiet li ħarġu mill-pinna tiegħu b'mod speċjali għall-marċi sbieħ bħall-Innu tal-Banda, Ir-Rebbieħ ta' Aġġira, Misraħ San Filep, Semper Vires u Jum ta' Ferħ u ħafna oħrajn.

***Referenzi:***


***Mifsud Bonnici Robert (1960). Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali, Paġna 24 7***

***Ktieb tal-Festa ta' San Filep 1986 (Paġna 33)***

***Leħen il-Belt De Rohan – Lulju / Awwissu 1966***

***Avvenimenti u Arkivju tal-Għaqda Każin Banda San Filep 1851 - 2016.***